# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebħa żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

| 77. | 19 ta' FRAR 1910. | IT-TIENI SENA |
|---|---|---|


FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ancas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallancas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

## Is-Sistema Berlitz

Billi ircevejt ħafna mistoksijiet m'il imsieħbin ta'n-«Naħla» fuk dana is-Sistema tant imfittex u tant imfaħħar biex ŭieħed jitgħallem il-lingŭi, f'loc li nokgħod inŭiegeb lil cull ŭieħed sejjer ingħid xi ħaġa fuk dana is-Sistema barra minn dac li ġa għidt kabel ħalli tifhmu aħjar ta' liema ħtieġa hu u biex titħajjru titgħallmu bih jeŭ tgħallmu bih l-uliedcom.

Il *mottu* ta' dana is-Sistema hu « Loqui loquendo discitur » igifieri li ŭieħed jitgħallem jitchellem lingŭa billi jitchellimha. Meta immorru barra minn Malta nitgħallmu nitchellmu il-lingŭa ta' dac il pajjis billi nisimgħu lil daŭc il frustieri chif ijgħidu biex jiftieħmu u aħna inżommuh f'rasna biex ingħidu bħalhom ħalli niftiehmu. B'is-Sistema Berlitz titgħallem l-istess biss f'loc addoċċ, b'ir-regoli biex ŭieħed jibda m'il ħafif u jibka sejjer b'il mod il mod għa't-tkil. Għalhecc is-surmast m'il eŭŭel lezzjoni jibda ijgegħlec titchellem b'il-lingŭa li trid titgħallem biha, u cull darba jżidlec cliem u regoli ġodda sa tcun tista fi żmien kasir iżżomm taħdita seŭŭa u bi pronunzja tajjba. Ŭara, dac li tcun taf tgħid titgħallem tictbu bla sbalji u meta tcun imħarreġ seŭŭa f'dan̄a is-surmast jibda bl-ilsien li tcun ġa tifhem tajjeb ijfiehmec il grammatica billi dac li tcun taf tgħid u ticteb ijfehmec għala tgħidu hecc u m'hux xort'oħra. U sa chemm tasal haŭn is-surmast ma juża katt ilsien ieħor ħlief dac li tcun titgħallem bih u haŭn kiegħdin il ġmiel u il ħeffa ta' dana is-Sistema li ma jgħaddux snin ŭisk li jcun imdaħħal fl-ischejjel collha f'loc is-sistema li hemm issa li jdaŭŭmec is-snin il cbar biex titgħallem lingŭa jecc tasal dejjem biex titgħallimha seŭŭa.

Dana is-Sistema għad li mixxih is-Sur Berlitz, tedesc, chien għaddha minn ras il għaref chittieb franciż Rollin meta kal :— *De courtes questions proposées regulierment comme par forme de conversation, où l'on aurait l'art de faire dire aux élèves ce qu'on veut leur apprendre, les instruiraient en les amusant, et par un progres insensible, leur donnerait une profonde conaissance de la langue.* Dana il cliem gibtu għal daŭc il għorrief Maltin li bla ma katt ħadu lezzjoni b'dana is-Sistema, biss għa'x ma jafuhx huma, jmakdruh u jgħidu li bla traduzzjoni ma jista jcun katt li titgħallem ilsien ġdid. Jippruvaŭ darba ħalli jaraŭ chif huma sejjrin ħafna imkarrkin.

Dari meta il vjaġġi chienu jkumu ħafna flus u meta biex tmur minn pajjis għal l-ieħor cont trid taħli ħafna żmien, ftit chienu in-nies li joħorġu minn pajjishom u l-emigrazzjoni nisġħu ingħidu li ma chienux jafu x'inhi; u għaldakstant meta chienu jitgħallmu jakraŭ ctieb u jifmuh u jictbu ittra seŭŭa chienu jifhmu li tgħallmu b'iż-żejjed.

Iżda illum tbiddel collox, u tista tivvjaġġa bi ftit flus u fi żmien kasir u ħafna joħorġu minn pajjishom biex jemigraŭ ħalli jsibu dac ix-xogħol li ma jsibux f'pajjishom; u għalhecc għandhom bżonn li jcunu jafu il-lingŭi u m'hux biss jakraŭhom u jictbuhom, iżda fuk collox jitchellmuhom tajjeb biex cull fejn ijmorru jifhmu u jifhmuhom.

U billi illum li tcun taf lingŭa ŭaħda jeŭ tnejn ma hux b'iż-żejjed iżda actar ma tcun taf actar jakbillec u issib fejn timraħ, chien hemm bżonn xi sistema li l-eŭŭel ħaġa li jgħallmec hu li tifhem u li titchellem, u li tħaffef f'it-tagħlim biex tcun tista fi żmien kasir titgħallem titchellem b'bosta lingŭi ħalli tcun tista malajr tinkeda bihom. Jecc imbagħad ŭara tcun trid titgħallem il-letteratura tagħhom tant aħjar iżda għa't-takbida ħarxa ta'l ħajja u għal min ijrid jitgħallem il-lingŭi m'hux b'lussu iżda biex jakla x'jiecol hemm bżonn li jitgħallem fi żmien kasir, bla hela ta' żmien u ta' ħafna cotba, jit-

chellem il lingui, kabel ma jcun jaf jictibhom u kabel ma jcun jaf il grammatica u l-aŭturi u il classici tagħhom.

Dana collu għamlu Berlitz b'is-Sistema pratticu tiegħu. Għal bniedem intelligenti ħamsin lezzjoni huma b'iż-żejjed biex jibda jifhem u jitchellem lingŭa li jcun jista jivvjaġġa biha u għalhecc min ijcollu bżonn ijsiefer għal xi pajjis li ma jcunx jaf il-lingŭa tiegħu basta jieħu xahrejn lezzjonijiet kabel (siegħa cull jum) biex meta jasal hemm ijcun jista jifhem u jfihem tajjeb.

U x'jonfok ta' dana? Jecc jieħu il-lezzjonijiet ŭaħdu ma jonfokx actar minn **hames liri**, u jecc ma sitta oħra ma jonfokx actar minn LIRA U NOFS jeŭ TNEJN. U jidhrilcom li tcunu infaktu ŭisk biex titgħallmu tifhmu u titchellmu lingŭa? Chemm liri u chemm snin taħlu biex titgħallmu titchellmu il-lingŭi b'is-sistemi il kodma bla ma tcunu katt tħarriġtu titchellmuhom u jecc xi darba taslu biex tcunu tafuhom tajjeb?

Illum min ijrid jitgħallem lingŭa seŭŭa u jista jagħmel capriċċ ijmur jitgħallimha f'pajjisha stess biex jibda m'il eŭŭel jitchellimha u jisma il pronunzja tajjba. B'is-Sistema Berlitz ijcolloc l-istess vantaġġ bla ma tonfok ħafna flus f'il vjaġġi, għaliex is-Surmast ma jchellmecx ħlief b'il-lingŭa li trid titgħallem; u għalhecc illum daŭna l-ischejjel jinsabu imxerrda fi 350 belt m'il cbar ta'd-dinja collha, fi tlieta u għoxrin pajjis differenti, b'xi elf u ħames mitt professur u b'xi ħamsin elf scular cull sena.

F'Parigi lil dana is-Sistema ġa daħħluh fl-ischejjel il cbar ta' hemm:—*L'Ecole Nationale Superieure des Mines; L'Ecole du Genie Maritime; L'Ecole Superieure de Marine; L'Ecole Superieure de Commerce; L'Ecole des Arts et Metiers, L-Institut Industriel du Nord; L'Ecole Professionelle d'Armentiers* u f'eluf oħra u lil Berlitz stess għamluh CAVALIER ta'l LEGION D'ONORE.

Fl-Esposizzjoni ta' Parigi ta'l 1900 dan is-Sistema ħa żeŭġ medalji ta'l fidda ŭ tnejn ta'd-deheb; f'dic ta' Lilla (1902) ŭaħda ta'd-deheb; f'ta' Zurich (1902) oħra ta'd-deheb; f'dic ta' Saint Louis (1904) il GRAN PRIX; f'dic ta' Liegi (1905) gie iddicchiarat « FUORI CONCORSO » li hu l-acbar unur li jista jintgħata f'Esposizzjoni, biex ma nokgħodx insemmi il premji iż-żgħar u l-eluf ta' certificati mogħtija m'il aħjar nies.

Minn dana il ftit li għidtilcom tistgħu taraŭ li l-Iscola Berlitz li infetħet f'Ta's-Sliema ma tistax ħlief tcun ta' gid cbir għal dana il pajjis, u għalhecc kiegħed insemmihielcom ta' sicŭit għaliex nixtiek li issaddad fostna u timxi ħafna il kuddiem. Min ma jafx il-lingŭi f'id-dinja ma jisŭa għal xejn. Carlu Manju, l-Imperatur, chien ijgħid « li għal cull lingŭa li taf tisŭa bniedem ieħor » u hecc hu. Mela la ix-xokka gietcom f'moxtha li titgħallmu il-lingŭi fi żmien kasir u bi ftit flus la titilfux l-occassjoni għaliex il-lingŭi jisŭeŭlcom dejjem jecc m'hux biex tivvjaġġaŭ, temigraŭ, jeŭ għal cummerċ għallankas biex tcomplu titgħallmu u iżżidu ma' dac li tafu.

Biex tippruvaŭ dac li għidtilcom għamlu capriċċ li tieħdu lezzjoni ŭaħda biss li ma tħallsux tagħha ħlief TMINTAX IRBIGHI, u jecc is-Sistema ma jogħġobcomx tcomplux. Intajjru tant flus f'iċ-ċajt! Intrabtu biss għal għaxar lezzjonijiet għa'x tistgħu u jecc taraŭ li ma intomx miexjin b'iż-żejjed aktgħu. Għaxar lezzjonijiet fi classi, jkumu ftit xelini! Iżda ippruvaŭ intom stess dana is-Sistema, għaliex naf sgur li tagħmlu tant profitt cbir għal dac li tonfku li titħajjru tcomplu il cors actar f'it-tul. Iż-żgħażaħ taħt is-sittax il sena jħallsu ankas. Ix-xebbiet u in-nisa, jecc ijridu, jgħallmuhom majjistri nisa. Jecc tridu tħallsu xi ħaġa actar tistgħu tieħdu il-lezzjoni id-dar; tistgħu tieħduha f'il għaxija ucoll. Mela tħajjru u morru tchellmu m'ad-Direttur, fi Strada Marina, Via Misida, No 16, Ta's-Sliema, ftit bogħod m'il-Laneċ, għax ma jibdielcomx.

# FRAC.

L-Onor: Marchis Mattei kankal m'il ġdid f'il Cunsill il pedina biex titneħħa it-taxxa li għandna fuk il kamħ u li biha hu tant maħkur cullħadd u l-actar il poplu baxx tagħna li l-actar jiecol ħobż. Dana kal li dina it-taxxa għandha titneħħa u tintafa fuk il ħŭejjeġ ta'l-lussu. Jiena jidhirli li sa haŭn għandu raġun u li il principju li sostna ma jistax jcun actar ta' ħakk. Li it-taxxa ta'l kamħ titneħħa għal collox dina hi ħaġa li ma tistax tcun bla ma jinħalku dazji oħra fuk ħŭejjeġ oħra; għaliex id-dazju ta'l kmuħ kiegħed ijħalli lill Caxxa ma'l mija u għoxrin elf lira f'is-sena u ma jistax ijcun li il Gvern jitlef dina is-somma bla ma jgibha minn banda oħra għaliex allura ma jcunx jista jlaħħak ma'l ispejjes li għandu u il Gvern miracli ma jagħmelx. Mela hemm bżonn li jecc titneħħa dina it-taxxa fuk il kamħ issir oħra f'locha, għallankas daksha, fuk xi ħaġ'oħra u biex ŭieħed ijgħabbi b'it-taxxi ma għandux jagħżel daŭc il ħŭejjeġ li huma ta'l eŭŭel ħtieġa għal ħajja ta'l bniedem. Għaldakstant jiena jidhirli li jecc id-dazju ta'l kamħ jitneħħa biex il ħobż jorħos in-nofs u jitkiegħed fuk id-deheb, il bizzilli, il ħaririjiet, il *bicycles*, l-aŭtomobbli, il carrozzi, u daŭc il ħŭejjeġ l-oħra li il bniedem jużahom jecc ijrid u m'hux b'il fors, ma jsir xejn ħażin. Biss dina hi qŭestjoni kalila u imħabbla ħafna u cull meta tkanklet tant haŭn Malta chemm ucoll f'pajjisi oħra dejjem sabu x'ijgħidu favur u contra u għalhecc hemm bżonn li ŭieħed jistudjaha b'ir-rekka collha biex ma jmurx b'il ħsieb li jagħmel il gid ijcattar id-deni ta'l pajjis. U għandna inħarsu lejn ħaġ'oħra li nagħmlu il gid lil cotra u m'hux lill dic issengħa jeŭ l-oħra. Jiena jidhirli li bħal ma nefku il flus biex giebu ir-riforma ta'd-Dŭana u lil minn kiegħed jistudja ir-riforma ta'l Pulizija ma jcun hemm xejn x'ŭieħed ijgħid chiecu jgibu ŭieħed gŭapp li jcun jifhem tasseŭ f'daŭna il ħŭejjeġ biex jatina ftit daŭl seŭŭa fuk chif għandhom jitkassmu id-dazji tagħna. Biss nibża li jecc dana il ŭieħed ijcun ingliż actarx ijmil il miżien lejn il vantaġġi ta'l Inghilterra u li il Gvern ijżomm miegħu u b'hecc ijcunu kleŭna b'żejtna stess. Mela fl-istess ħin li ŭieħed jara il bżonn li dina il ħaġa għandha xi darba tisseŭŭa, hemm bżonn ucoll li fiha jimxi b'iż-żarbun ta'ċ-ċomb u b'għajnejh imberrka li ma immorrux inkanklu dina il qŭistjoni b'il ħsieb li nagħmlu il gid lill poplu u il Gvern jaħtafha f'idejh u illum chif inhu kaŭŭi b'il maġġjoranza jdaŭŭarha contra l-interessi tagħna u jcompli jgħarrakna actar milli aħna. Il principju hu sabiħ ħafna u jidher ħafif iżda chif ŭieħed għandu jħoll dina il ġażżra imħabbla naħseb li hi ħaġa diffiċli ħafna u ma nafx liema malti jrid jidħol għaliha biex ijħollha seŭua.

★

Lil daŭc collha li chienu talbuni xi numri li chellhom nieksa bgħatthomlhom bħal ma bgħatt il premji li chienu għadhom ma ittieħdux. Min għadu jonksu xi numru u bakagħli minnu jeŭ xi premju jictibli.

★

Nitolbu għa'r-ruħ ta' **Marija Rosarja Cassar** mitŭielda **Psaila** li mietet f'il ħamsa ta' dana ix-xahar ta' erbgħa u għoxrin sena biss.

★

It-tfal ta' Ta's-Sliema għaddeŭ it-tliet t-ijiem ta'l Carnival, fl-Oratorju ta' Dun Bosco chif chien jixrak tant għal

gid ta' gisimhom chemm ucoll għal gid ta' ruħhom. Chell-hom reciti sbiħ f'it-Teatru ta'l «Juventutis Domus». Intgħa-taŭ tliet midalji ta'l fidda lil daŭc it-tfal li marru l-aħjar li ġabarhom il Chcu: Ġanni Scicluna. Il Patri Allegra u il Comm: A. M. Galea ħakkhom cull tifħir għal dana il gid li kiegħ-din jagħmlu l'it-tfal ta' Ta's-Sliema u Alla għad ijroddulhom f'il ŭisa.

★

Krajt illi l-Onor: F. Azzopardi irnexxielu jdaŭŭar lil Gvern biex ma jgħaddix il-Ligi ta'l armi chif inħalket m'il Avucat ta'l Curuna iżda b'xi tisŭijiet li ma jħalluhiex tant ħarxa bħal kabel. Fost l-oħrajn ma hux sejjer ijcun hemm bżonn ta's-sensja biex iżżomm f'darec xi armi bħal ma chien sejjer ijsir kabel u il Gvern sejjer ijżomm id-dritt li jista jir-tira l-armi ta' cullħadd biss meta jcun hemm bżonn tasseŭ u m'hux cull meta jfettillu. Mela l-Onor: Azzopardi ħakku min ijfaħħru għaliex gieghel il post ta'l Esecuttiv jisŭa għal xi ħaġa.

★

It-*team* ta'l *football* ta'l Furjana lagħab ma'l Ingliżi u rebaħ fost applaŭsi cbar. Jiena nifirħilhom b'il kalb collha għaliex b'hecc nuru dejjem li aħna nirnexxu f'cull ma immiddu idejna, iżda nixtiek ħafna li chiecu il Maltin jitgħallmu m'il Ingliżi xi ħaġa ankas barbara u actar sabiħa, fost collox l-im-ħabba cbira li daŭn għandhom lejn il-libertà u lejn id-drittijiet tagħhom. Dana il-logħob kiegħed jisfratta l'iż-żgħażaħ tagħ-na m'il istudju u sicŭit nisimgħu li correŭ in-nies bih.

★

D'id-darba għandi żeŭġ aħbarijiet tajjba għa'n-nies ta'l Cottonera. L-eŭŭel ŭaħda hi li krajt li bi ħsiebhom ijcabbru il flotta ta'l Mediterran billi l-Aŭstrija kiegħda tarma ġmiel-ha b'ir-rieħ ta'l Germanja. Billi fl-Inghilterra kiegħdin jinb-neŭ ħafna *Dreadnoughts* u lil daŭna bi ħsiebhom ijżommuhom f'il Baħar ta' Fuk, għal cull *Dreadnought* li tcun lesta bi ħsiebhom il frejgata li jŭarrbu m'il Baħar ta' Fuk jibagħtu-ha f'il Mediterran biex tgħasses għal l-Aŭstrija. Dana jcattar ix-xogħol f'it-tarznar u jżid il cummerċ ta't-Tliet Ibliet.

L-oħra hi li smajna li il-Laneċ ta'l Port il Cbir kiegħdin jirroffaŭ minn geŭŭa. Jiena ma nifraħx b'id-deni ta' ħadd iżda jecc jltneħħeŭ ijcun risk cbir għall Cottonera.

★

Hemm bżonn li il Pulizija tfarfar rixha ftit seŭŭa ħalli tara tekridtx minn fostna il-lampichi u il flus foloz li kiegħdin ijcomplu jfakkru il Caxxa actar milli hi. Meta cull tant tara xi ħaddiem jeŭ xi bejjiegħ fkir li jŭicculu xi tmintax irbigħi falza ijgiblec ħniena għaliex ijcun ħadem jeŭ biegħ għal xejn. Hemm bżonn li fuk daŭna il ħŭejjeġ issir piena actar kalila għaliex milli nistgħu nifhmu il pŭieni li hemm ma humiex b'iż-żejjed biex ijbeżżgħu lill banavolji.

Hemm bżonn ucoll li meta il bastimenti ta'l gŭerra jo-ħorġu m'il Port għal xi ftit ġmiegħi meta jerġgħu jidħlu jħallsu dazju fuk il ħafna caxxi xorb li jcunu ħadu u li ma jcunux ħleŭ abbord; għaliex ma hux seŭŭa li fuk daŭna il bastimenti jinxtorob sa chemm jinsabu f'Malta ħafna xorb bla ma jħallsu ħabba dazju fuku. Tgħid d'il praspura ma kan-kluhiex għaliex tmiss but l-ingliżi? Jiġbru traba u jarmu kam-ħa! Evviva is-Sur Mc Carthy!!

★

F'loc il mejjet Imħallef Mifsud laħak l-Avucat Stiefnu Mi-callef, l-Assistent-Avucat ta'l Curuna. Cullħadd feraħ għa-liex dana ma hux biss criminalista tajjeb iżda hu ucoll bniedem ta' kalb tajjba u li jaf ijmur ma' cullħadd. F'locu sar iż-żagħ-żuħ intelligenti, il Prof: Refalo li hu imchisser ħafna f'il Cri-minal u għalhecc tajjeb ħafna għal dac il post.

Għaldakstant nifirħilhom b'il kalb u j'Alla jgħixu ħajja tŭila biex jistgħallu il posizzjonijiet sbiħ li chisbu.

★

Id-deni għoddu intefa għal collox għaliex ma chellniex ħlief ftit casi.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**F'Parigi** ftit ilu, inchixfet borma cherha ħafna. Certa si-njura svedisa li chien jisimha Guiness chienet tagħmel l-av-viżi f'il gazzetti li trid tiżżeŭŭeġ u billi chienet sabiħa ŭisk bosta irgiel chienu jitħajjru li jieħduha. Meta chienu jmorru id-dar tagħha biex ijchellmuha dina chienet ixxammilhom il cloroform, tistordihom, toktolhom, tisrakhom minn cull ma jcollhom fukhom u tidfinhom b'il għajnuna ta'l ġardinar tagħha li chien jismu Lamphere. Lil dana chienet dejjem ixxaħħmu b'il flus biex ma jitchellimx. Ŭara li chienet katlet u difnu xi sbatax il ŭieħed dana Lamphere billi għoġbitu is-sengħa tagħha tħajjar jagħmel bħalha, daħal fukha, taha il cloroform, serakha u ħarab. Iżda il cloroform billi jakbad malajr malli ħass id-daŭl ta'l-lampa xegħel u kabdet id-dar b'collox u is-sinjura assassina bakgħet maħruka b'it-tliet uliedha b'collox. Issa il ġardinar jinsab arrestat.

**F'Costantinopli** kabdu il Cmamar ta'l Parlament u saret ħsa-ra ta' xi għaxar miljuni ta' franchi. Da'l ħruk beda m'il ca-loriferu ta'l Camra ta's-Senat.

**It-tempesta** kaŭŭija li għarrket lil *General Chanzy* chienet tant kalila li minn tlietin sena l'haŭn ma jiftacrux li katt għam-let ŭaħda kaŭŭija daksha. Barra minn dana il vapur intilef ucoll l-*Emberland* bl-equipaġġ b'collox. Il vapur *Lamarsa* ġra-tlu ħsara cbira. Il bastiment *Nina*, b'ħamsa u għoxrin ruħ, ma ħadu l-ebda aħbar tiegħu u jibżgħu ŭisk li intilef. Jibżgħu ucoll li intilef il vapur *Eperlam* li chien imgħobbi bl-azzar.

**Il Cardinal Mercier**, Arciskof ta' Malines, ħa il premju li il filosofi ta'l Belġju jatu cull għaxar snin lil l-acbar filosofu ta'd-dinja li jcun chiteb l-actar opra li fiha x'ittiegħem. Il gazzetti ta'd-dinja collha ilhom ħafna jfaħħruh u l-opra tie-għu hi tradotta bl-ingliż, b'it-tedesc, b'it-taljan, bl-ispanjol, b'il portughiz u b'ir-russu. Dana hu unur cbir ħafna għal Cleru Nisrani.

**F'Fianpleuse**, fi Franza, it-Tabib Roux, b'il mara u it-tifel ŭaka f'ħondok bl-aŭtomobili b'collox. Hu miet, il mara kiegħ-da tmut u ix-*chaffeur* u it-tifel ħażin ferm.

**Id-Dr: Cook** li kal ma ilhux li sab il Pol Nord b'il klajja minn żniedu li ivvinta daħħal f'butu xi għoxrin elf lira. Is-sa jinsab imŭarrab f'il Germanja għaliex jecc ijmur fl-America jduru għalih.

**Nofs lira rigal** għal min jieħu f'il Librerija Aquilina, ta' Strada Rjali, 58D, ta'l Belt chelba mitlufa, seŭda collha, b'il pali ta'l erba sakajn cannella.

# L-Emigrazzjoni.

Ghidtu chemm il darba u narġa intennih għal elf darba oħra li ŭieħed m'ir-rimedji tajjba li jistgħu jfejjku xi ftit il għacs li ŭaka fukna hu l-Emigrazzjoni. Aħna iffullati ŭisk, ŭisk actar milli huma iċ-Ciniżi f'pajjishom, u għalhecc d'il Gżira hemm bżonn li tintasad fasda seŭŭa ħalli ma nibkgħux bħal ma aħna li għal cull għadma haŭn mitt chelb. U għanddna inŭaħħluha f'rasna darba għal dejjem li allavolja jinħalak xi ftit ta'x-xogħol għal xi żmien u jatina ftit ta'r-ruħ l-Inghilterra għandha f'darha għacs cbir daks tagħna u għalhecc ma tistax tibka tatina ix-xogħol dejjem bħal dari għaliex l-aħħar dakka ta' ħarta ta't-Transvaal ħassitha b'il kaŭŭi ŭisk. Mela hemm bżonn li ŭieħed ijsib xi rimedju għal dejjem u m'hux għal mument ŭieħed biss u dana ir-rimedju in-nazzjonijiet l-oħra ilhom li fehmuh, billi jemigraŭ gozz, gozz biex ijfittxu xortihom band'oħra. Hemm bżonn li aħna ucoll nitħajjru nagħmlu bħalhom u m'hux bosta jridu jibkgħu jgħixu haŭn b'il għaccarija. Hemm bżonn li għallankas nofs in-nies li haŭn ijparpru il barra fejn jistgħu jsibu ix-xogħol li jridu u actarx ħafna minnhom xortihom. Il Maltin huma b'saħħithom, ħaŭtiela, bieżlin, b'il għakal u intelligenti u għalhecc huma ħafna imfittxa f'pajjisi oħra. Harsu lejn il ħafna Maltin li siefru u sabu jakilgħu buccun seŭŭa. Mela ja żgħażaħ, intom li għad ma intomx imxicclin b'il mara u it-tfal farfru ġŭienħajcom u fittxu xorticom f'il bogħod għaliex haŭn ma għandcomx għaliex tittamaŭ billi in-nies dejjem toctor u ix-xogħol u il prezzijiet jonksu dejjem. Biss la titilkux chif gieb u laħak għaliex tistgħu tagħlu, iżda studjaŭ tajjeb kabel u kisu mitt darba kabel titilku għal xi pajjis jecc il clima hux tajjeb għalicom, jecc hemmx ħtieġa ta'x-xogħol li tistgħu tatu intom, jecc il ħajja hix għalja u il ħlasijiet baxxi.

Billi bosta imsieħbin sicŭit jictbuli biex ingħarrafhom fuk din il ħaġa u biex niftaħ m'il aħjar li naf u li nista għajnejn daŭc li jitħajjru jemigraŭ sejjer f'loc li inŭiegibhom ŭieħed ŭieħed, inŭiegeb f'dakka b'daŭna l-articoli li gejja u li cull ma fihom bagħtuhuli m'il *Emigration Office* ta' Londra stess li hu maħluk m'il Gvern Ingliż biex ma jħallix lil l-emigranti ingliżi jitkarrku meta jitilku għal xi pajjis f'il bogħod.

L-indirizz ta' dana l-Offiċċju hu: 31, Broadway, Westminster, s.w. u cull min ijrid xi informazzjonijiet aħjar jista jicteb bl-ingliż u jŭieġbuh.

Jiena haŭn sejjer ingib l-actar ħŭejjeġ meħtieġa għal daŭc li ma jafux jakraŭ ħlief b'il malti u għalhecc ma jistgħux jiccorrispondu ma' dan l-Offiċċju li semmejna.

Billi ta' sicŭit tissemma il

## CANADA

sejjer nibda minnha biex daŭc li hemm moħħhom ijberren fukha jcunu jistgħu jifhmu aħjar jecc jakblilhomx ijmorru hemm jeŭ le.

Il Canada hu pajjis tista tgħid cbir daks l-Eŭropa colha u hi imkassma f'disa provinċji li huma:— Nova Scozia, New Brunswick, Prince Edward Island, Quebec, Ontario, Manitoba, Alberta, Saskatchewan u British Columbja; u ma' daŭna l-artijiet ta'n-North-West. Fl-1901 chellha nies 5,369,666 li illum laħħku 6,500,000.

Minn dana tistgħu taraŭ li għalchemm chif għidna hi cbira daks l-Eŭropa collha, nies ma fihiex ħlief ftit actar milli fiha Skallija u għalhecc għad hemm ħafna ŭisa għal ħatna nies; iżda l-art għadha salvaġġa u għalhecc għad trid tinħadem seŭŭa biex ijcunu jistgħu jgħixu ħafna nies minnha.

Il clima hu tajjeb ħafna ma tul is-sena collha u is-sajf hu actar xott u sħun minn dac ta'l Inghilterra u l-Irlanda. Mela daŭc collha li jidhrilhom li jistgħu jgħixu tajjeb u bla ma jimirdu f'il clima ta'l Inghilterra jistgħu ucoll ijgħixu tajjeb u aħjar f'il Canada. Il csieħ hu kalil iżda billi hu xott ma tantx jinħass kaŭŭi bħal ma jmissu u jħajjrec f'loc li jħeddlec għa'x-xogħol. F'ix-xtut ta'l British Columbia ix-xitŭa hi ankas kalila.

Schejjel b'xejn u tajjbin hemm ħafna u hemm ucoll ħafna cnejjes ta'r-reliġjonijiet principali. Hemm ucoll bosta librerijì pubblici, sptarijiet, banchijiet u soċjietajjiet oħra għal għajnuna ta' xulxin. Il flus li jimxu hemm huma id-*dollari* (l-eŭiek) u is-*cents* (daks sitt ħabbiet tagħna). Mitt *cent* jagħmlu *dollaru*, u *dollaru* jisŭa erba xelini u sold u nofs. La tieħdux flus magħcom iżda *postal orders* li jissarrfu f'il Posta ta' hemm.

Hemm vapuri-ta'l-art, telegrafi, laneċ u ħafna cumditajjiet oħra bħal daŭn.

Biex tmur hemm trid titlak m'il Inghilterra għaliex minn haŭn biss cull tant ijgħaddu bastimenti għal hemm dritt; u il passaġġ ijkum xi sitt liri terza, u xi tmien liri seconda classi, bl-ichel, l-irkad u it-tabib jecc ijcun hemm bżonn.

It-tfal l-isfel minn tnax il sena jħallsu in-nofs. Bagalji b'xejn tistgħu tieħdu sa għaxar piedi cubi u it-tfal sa ħamsa, u fuk il xapur ta'l art 150 libbra biss. Għal cull pied cubu barrani ŭisa tħallsu minn sitt soldi sa xelin. Daŭc ta's-seconda għandhom għoxrin pied cubu ŭisa għal bagagli tagħhom.

M'il Inghilterra għal Canada iddum sejjer minn sebgħa sa għaxar t-ijiem. Jecc titilku f'ix-xitŭa ma tistgħux taslu ħlief f'Halifax u f'Saint John biss għaliex il portijiet ta' Quebec u ta' Montreal ijcunu imbluccati b'is-silġ minn Novembru sa April. Jecc il vapur ma jitlakx meta javża għandec id-dritt li titlob li jgħajjxec għal ġranet li jittarda. Fuk il vapurita'l-art ħudu l-ichel magħcom għaliex inchella jkumilcom għali ŭisk u ħudu il biljett ma l-eŭŭel tluk.

Katt taslu hemm bla ma jcollcom flus f'il but biex tgħixu sa takbdu taħdmu. Hemm xi lochijiet fejn ŭieħed jista b'xejn jistchenn sa chemm ijsib jaħdem, iżda l-ichel tridu tħallsuh minn butcom. Hemm ħafna uffiċċji biex jatu b'xejn cull xorta ta' informazzjoni lil daŭc li jridu impieghi jeŭ jixtru xi artijiet li aħna ma ingibuhomx biex ma intaŭŭlux iżda li natuhom lil cull imsieħeb li jitlobhomlna.

In-nisa l-aħjar jitilku katta taħt it-tmixxija ta' mara mibgħuta m'il Gvern stess ta' hemm biex tieħu ħsiebhom sa jaslu. L-eŭŭel ġurnata li jaslu jitimgħuhom u jrakkduhom b'xejn iżda ŭara jħallsu żeŭġ xelini u sold cull jum. Barra minn dana hemm ħafna Soċjetajjiet, fosthom is-*Salvation Army*, li jatu ħafna għajnuniet l'in-nisa sa jaslu fejn ijridu jmorru.

L-aħjar żmien biex tasal hu f'il bidu ta' April għaliex f'dana ix-xahar jibda jitkankal ix-xogħol. Ma tul ix-xitŭa ma issibu katt xogħol. In-nisa sefturi biss ijsibu jakbdu jaħdmu malajr cull meta jaslu. Cull minn jidħol f'il Canada jrid juri li hu imlakkam, għaliex inchella jżommuc biex ijlakkmuc. Min hu belhieni, jeŭ ijbati b'ta'l kamar, jeŭ miġnun jeŭ jecc chien miġnun sa ħames snin kabel, jeŭ jecc hu mutu jeŭ trux, għama jeŭ imgħattab ma jistgħux jidħlu f'il Canada jecc ma jcollhomx xi ħadd magħhom li jagħmel garanzija li għandu jieħu ħsiebhom hu biex ma jħallihomx bħal tagħbija fuk il pajjis. Lankas ma jista jidħol minn ijcollu xi marda mokżieża jeŭ li tittieħed; jeŭ li jcun tallab, jeŭ bla sengħa ta' xejn, jeŭ li jcun għamel xi delitt jeŭ xi mara ħażina. Għal daŭna hemm sentejn żmien biex ijcheċċuhom il barra.

Darb'oħra ingħidu liema hu ix-xogħol li hemm imfittex l-actar f'il Canada u chif jitħallas, u fl-istess ħin ingħidu il ħajja ta' hemm chemm tkum biex ŭieħed ijcun jista jkis b'xibru kabel ijfarfar ġŭienħu. *(Jissocta).*

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

**FUK L-IRDIEGĦ**

U li chien hecc jidhirli li f'loc kalb ijrid ijcollha ċagħka dic l-omm li taf li tekred l-uliedha jeŭ li trabbihom miflugin biex tiddandan bi ġmielha. Jecc ma jistħokkilhiex li issir omm, tibka xebba ħalli titchessaħ b'persunitha chemm trid; iżda li issir l-assassina ta' min hu biċċa minnha għal daŭn il bluhat ma għandu jcun katt u katt. Kal seŭŭa il Fossangrives li « *l-eŭŭel dmir ta'l omm hu dac li tradda lil binha.* »

Ŭaħda m'ir-raġunijiet cbar għala l-omm għandha tradda l-uliedha hi stess, hi din li allavolja tnaddaf il flixcun b'ir-rekka collha il ħalib ta'l mogħża jeŭ ta'l bakra ma għandu katt x'jaksam ma dac ta'l omm; għaliex dac ta'l bakra jcun tkil mod, forsi tajjeb għal l-istoncu ta' tarbija ta' tmien xhur, f'il ħin li il ħalib ta'l omm ijcun dejjem tkil scond ma jcollu bżonn u jiflaħ l-istoncu ta't-tarbija. Mela meta it-tarbija tarda minn għand l-omm l-istoncu tagħha ma jbati katt u għalhecc il ħalib ma tneħħiħ katt għaliex dejjem ijcun chif għandu bżonn, iżda il ħalib ta'l mogħża allavolja jcun għadu maħlub frisc u bl-indafa collha jcun actarx dejjem tkil u għalhecc it-tarbija tbati dejjem biex iġgerrgħu u xi dakkiet ma tiflaħx għalih u tneħħih.

Ġa la darba il ħanina Natura, li hi għarfa ħafna u taf xi bżonnijiet ninħtieġu actar milli nafu aħna stess, ħalket dan il ħalib ta'l omm għala iċċaħħdu l-uliedcom minnu biex bosta drabi tcunu kiegħdin m'il flixcun isseŭŭbulhom ġo l-istoncu tagħhom bħal toscu li jcarcarhom iċ-cimiterju jeŭ bħal sajjetta jeŭ fost tbatija tŭila u kalila?

Barra min dan il ħalib ta'l omm fih xi *fermenti* li ma jinsabux f'il ħalib ta'l mogħża jeŭ ta'l bakra u li daŭna jisŭeŭ ŭisk biex dana il ħalib ta'l omm ma jikrasx jeŭ ma jitħassarx fl-istoncu u fl-imsaren ta't-tarbija. Għala iċċaħħduha mela minnhom biex tkiegħduhom f'il pericolu cbir li dac il ħalib jikras fl-imsaren u jġib id-diarrea jeŭ l-infjammazzjoni?

Li il mara għandha traddha l-uliedha tŭissihulha in-Natura stess għaliex chiecu għal fejn malli titŭieled it-tarbija jiffaċċa il ħalib ŭaħdu? U jecc il mara issodd ŭidnejha għa't-tŭiddib ta'n-Natura jibdielha għaliex tħallas ħares il capriċċ chiefer tagħha billi ŭisk drabi jiffaċċaŭ ħafna mardijiet coroħ ta'l ġuf li m'hux dejjem ijfieku minnhom. Mela ħallicom m'il fruħa ta' ġmielcom u ta' persunitcom, ja ommijiet agħar m'it-tigri, għaliex daŭna jreddgħu l-uliedhom, u ftacru li aħjar f'il cas ticrihu ftit milli timbuccaŭ marda f'il ġuf li jġġorrcom iċ-cimiterju.

Barra minn dan il ħalib ta'l bakra jista jcun fih il microbu ta'l mard ta's-sider u il ħalib ta'l mogħża jista jcun fih dac ta'd-deni intermittenti. Tridu inthom stess tniġġsu l-uliedcom b'da'l mard?

Jecc biex teħilsu minn dina il kattara tgħalluh teħlu f'mi-żieb ieħor li hu dac li intom tneħħulu meta tgħalluh is-sustanza tiegħu tista tgħid collha u jsir ħafna actar indigest minn kabel.

Mela la Alla tacom il ħalib u is-saħħa reddgħu l-uliedcom għaliex tcunu kiegħdin takdu l-actar dmir imkaddes tagħcom u jecc jicbru uliedcom ijbiercu lil dac is-sider li redgħu fi żgħurithom minnu.

Lucija Levanzin Inglott.

(*Jissocta*).

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil G. C.** (Il Belt).

Trid taf xi ħaġa fuk l-Ipnotismu u jecc hux ipprojbit m'il Cnisja. Inŭieġbec, għad li jecc trid takra xi ħaġa f'it-tul u aħjar naħseb li għandec tfittex xi ctieb li jista jfissirlec il ħŭejjeġ actar ċari milli nista haŭn jien. Id-Dr: Liebengen chiteb li min illum ijrid jiċħad l-ipnotismu ma għandux jigi magħdud ħlief m'al katta ta'l injuranti.

It-tabib ingliż Braid ta' Manchester chiteb li bih chien ijfejjak in-nies. It-tabib Wetterstrand ta' Stocolma iccura bih seba t-elef ruħ, id-Dr-Liebault ta' Nancy, tnax il elf cas, u il Prof: Bernheim, ta' Nancy ucoll, għaxar t-elef cas. Il cbir tabib Charcot fejjak ucoll ħafna mardijiet nervusi bih. Ma' daŭna użaŭ l-ipnotismu biex jiccuraŭ il mardijiet bih daŭna it-tobba imfaħħra ucoll: Azam, Berillon, Bottey, Bourru, Broca, Burot, Dumontpallier, Durand (de Gros), Encausse, Grasset, Janet, Luys, Pitres, Voisin u oħrajn. It-Tabib Milne Bramwell ta' Londra, Albert Moll ta' Berlin, C. Wood ta' Filadelfja, Drayton, Herter, Simon ta' New York, fejjku ħafna nies ucoll bih, u bosta minnhom ijsejjħulu « l-akŭa u l-egħżeż rimedju li għandha il medicina biex tfejjak lil bniedmin. »

L-ipnotismu, meta hu immaniġġat mn'idejn tajjba ma jista jagħmel katt deni u dana kaluh nies cbar bħal Prof: Bernheim, Moll u Liebault ŭara snin cbar li użaŭh.

Fl-1847 is-Sultan ta'd-Danimarca, ħalla l'it-tobba jużaŭh u fl-istess sena is-Sultan ta'l Isvezja ordna li min ijsir tabib f'pajjisu għandu jati l-eżami li jaf jipnotizza. Is-Sultan ta'l Prussja, fl-istess sena ucoll, ippermetta li it-tobba jistgħu jużaŭh f'is-Saltna tiegħu. Il Curja Rumana iccundannat biss l-użu ħażin li ŭieħed jista jagħmel bih; l-Enciclica ta'l 1856 ħarget contra l-abbuż li chien kiegħed ijsir minnu u m'hux contra l-ipnotismu stess. Il għaref Abbè Elie Meric, professur ta't-Teologija f'is-Sorbona ta Parigi, ħalla mictub:—

*Il faut distinguer avec la Saint-Siege et avec la science le phenomene de l'hypnose et l'usage que des miserables pouvent en faire, el il ne faut pas pretendre, comme on l'a fait quelquefois avec un temerite qui irrite les savants, que le magnetisme est condamne.* Igifieri li il magnetismu ma hux projbit fih in-nifsu iżda biss jecc xi ħadd bla ruħ jagħmel użu ħażin minnu. Il patri famus dumnican Lacordaire u l-Iskof Francois ta' Digne kalu l-istess.

**Lil M. A.** (Il Belt.)

Jecc sajjetta taħbat fuk frejgata ta'l azzar ma tagħmlilha l-ebda ħsara billi l-elettricità tibka għaddejja f'il baħar; iżda jeec taħbat fuk bastiment ta'l injam tagħmillu ħsara cbira billi l-elettricità ma timxix fl-injam u għalhecc toltok u tchisser. Jecc tolkot fuk għerrier liebes armatura ta'l azzar ma tagħmillux ħsara għaliex l-elettricità tgħaddi m'il armatura fl-art u għalhecc mara li tcun liebsa il ħarir hi actar f'il periclu.

**Lil A. B.** (Sliema).

Iva, tasseŭ. Lady Sheil f'il ctieb li ħarget *Glimpses of Life and Manners in Russia* tgħarrafna li is-suldati meta jgħaddu minn kuddiem il Palazz ta'l Imperatur jeŭ ta'l prinċpijiet ijridu jsellmu allavolja ma jcun hemm ħadd ijħares minnhom. L-impjegati collha, imkar meta jidħlu f'il ġnien u il mistednin ucoll ijridu dejjem jokogħdu xuxa li ma jmurx jarahom l-Imperatur b'rashom imgħottija.

# It-Tabib Buonamico.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Interrogato doppo della sua virtù rispose essere un effetto di natura che egli stesso da che andava alle scuole haveva in se stesso conosciuto, mentre a suo libito haveva per giuoco inghiottita una quantità d'acqua, doppo ributtatala; e medesimamente che aveva più volte vomitato in faccia de' scolari che lo avevano voluto maltrattare, tutto il cibo che haveva nello stomaco. Che in un Carnevale essendosi mascherato con una tale Euphemia, Ciula ed altre haveva la prima volta fatto vedere in Malta la sua virtù; perochè essendosi vestito da Medico ed havendo incontrato qualcheduno che li domandò non so che rimedio esso dettali un ottava siciliana gli vomitò in faccia una quantità di lupini masticati, e passando più oltre un altro che gli domandò qualche altro rimedio, al quale detta una ottava, imbrattò tutto il viso d'inchiostro; e finalmente giunto innanti al palazzo accompagnato d'una gran quantità di gente, uno schiavo di Mons: di Wignacourt li domandò qualche rimedio per mal di denti, esso datolene uno in lingua Siciliana, li sparò nel viso e al petto un torrente si improvviso ed impetuoso d'acqua che lo buttò a rovescio a terra con gran stupore ed ammiratione degli astanti; quindi passando oltre a salutare una quantità di G. Croci e Commendatori che stavano sotto il Palazzo, loro haveva buttato dalla bocca una quantità di coriandro ed aspersi d'acque odorifere di che erano tutti quanti stupefatti.

Doppo quest' attione essendo stato riconosciuto fu preso dall'Inquisitore ma trovato innocente fu rilasciato. Non molto di poi havendo, (non so per suo interesse privato o per compiacere a qualche Cavaliere) ucciso un Commendatore di stima per fuggir la giustizia si partì da Malta imbarcandosi stravestito da Cavaliere accompagnato da altri su una galerà se ne andava in Siracusa, e quantunque fosse ivi stato cercato non fu però trovato essendosi nascosto nella Sta. Barbera. Dalla Sicilia, dove sbarcò, passò in Italia e quivi vinto dalla necessità, ne sapendo altre arti da guadagnarsi il vitto si mise per la prima volta a fare prova della sua virtù con gran concorso ed ammiratione di tutti. Ma fu quivi ben tosto preso dall'Inquisitione e mandato in Roma dove esercitò e diede saggio del suo giuoco alla presenza di Urbano VIII a cui è detto che habbia rivelato il suo segreto, quantunque egli lo nieghi, protestando essendo cosa naturale non puol essere rivelata. Tant'è che S. Santità ammirando la virtù di questo huomo rivolto al P. Mastro li domandò che cosa gli diceva ed egli li rispose che questo sol huomo li faceva perdere tutta quanta la filosofia e che era solus sicut sol. Partito da Roma con lode del Papa e con licenza di poter liberamente pratticare la sua virtù, senza aver sospetto di Magia, si trasferì in Fiorenza, dove esercitò qualche tempo la sua destrezza con particolar piacere del Gran Duca, e d'indi andò di Città in città per tutta l-Italia; fu però perseguitato dall'inquisitioni da quali deve essere stato preso 48 volte ma sempre lasciato com'Innocente. In Fiorenza diede occassione d'ammirarlo a' più gran Philosophi, e tra gli altri a Vittorio Rosi, Medico del Gran Duca, che in un suo libro volgare delle meraviglie del mondo ha fatto un capitolo particolare su quest'huomo, che egli sa tutto a mente e me l'ha recitato. Dall'Italia passò in Francia, dove fu ricevuto con non minor applauso ed ammiratione, accarezzato da' più gran Signori della Corte che concorrevano a gara a vederlo sicchè ne primi anni guadagnava almeno cento doppie al dì. Fu in particolar stima del Card: Duca di Richelieu, da cui ricevè molti presenti ed è altrimenti fama che li havesse palesato il suo segreto così mirabile. Passò nell'Alemagna e corse tutti i Paesi Bassi havendo meritata la stima del Governatore e molti presenti dallo stesso. Ritornato in Parigi s'accasò, ed al presente ha una figliuola, ed un figliuolo. Mentre fu in Alemagna ed in Olanda, havesse molti a volerlo imitare ma non con pari destrezza, ne fortuna; e tra altri una femina Olandese che si spacciò per sua moglie. *

Parliamo ora della sua virtù, che è tale: Beverassi in presenza di tutti 50 o 60 bicchieai d'acqua pura, lavando spesso i bicchieri e la sua bocca, mostrandola aperta. per levar ogni sospetto, quindi riempirà per ordine i bicchieri di diversi liquori, quel che è più meraviglioso che li vomita con più forza che una fontana, e ad un istesso tempo avvicinando o insieme o hor l'uno ed hor l-altro due bicchieri li riempirà di due diversi vini o altri liquori e *doppo haver riempita metà di tutti i bicchieri di diversi liquori e postili per ordine con un istessso soffio continuato li finirà d'empire per ordine ciascuno del suo liquore.* Fa in oltre uscire dalla sua bocca ad istesso tempo tre fonti distinti di oglio, vino, latte o altri liquori. Vomita confetti, fiori, ed acque odorifere, quali da od odorare ad ogni uno. Di più beverà un secchio intero d'acqua ed al istante renderalla con forza si grande che butterà un huomo all'altezza più d'una picca ne solo dalla bocca ma anco dal...»

Dana il manuscritt jinsab f'idejn it-Tabib Inglott u nitma li għad jistampa il ħŭejjeġ interessanti li fih.

* F'il faċċata 377 ta'l istess manuscritt ijgħid li chien jismu Biagio Manfrè u li chien minn Noto iżda billi ma chienx ijrid juri li hu skalli chien ijgħid li hu malti.

(*Jissocta.*)

★

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

FRAR.

21—1743. Theżżiża kaŭŭija ta' terremot.
22—1846. Il Gvern Militari abbuża m'il poplu.
23—1814. Bdiet il pesta f'Għaŭdex.
24—1793. Niżlet xita b'il kliel.
25—1769. Laħak Iskof Fra Giovanni Pellerano.
26—1619. Saret Colleġġjata il Grotta ta' San Paŭl.
27—1493. Ŭasal il Vici-Re ta' Skallija Ferdinandu.
28—1807. Il Cav: Ball chiteb lil Ministru ta'l Colonji jecc għandux ijżomm il privileġġi u id-drittijiet ta'l Maltin.

**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il Prof: Vincenzo Grech li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# IS-SAHHAR FALZUN.

## IL CAVALIERI TA' SAN ĠŨANN.

Billi ma' tul dana ir-rumanz il Cavalieri ta' S. Ġũann jissemmeũ ħafna, dehirli li tcun ħaġa ta' fejda jecc ingħidilcom xi chelmtejn fukhom minn mindu inħolok l-Ordni glorjus tagħhom sa fejn tibda l-Istorja ta'l ġrajja tagħna. Dana jgħincom b'il bosta biex tistgħu tifħmu aħjar il cobor u il ħila ta' daũna il kalbiena Rħieb li, għad li tebbgħu isimhom b'xi nukkas u b'xi draũũiet ħżiena ta' daũc iż-żmienijiet imbagħbsa, għaġġbu l'id-dinja collha u għadhom ijgħaġġbuha sa'l-lum b'dac collu li għamlu biex ħarsu dejjem l-Eũropa u it-Tũemmin Nisrani m'il killa ta'n-Nofs Kamar.

Il bidu ta' dana l-Ordni chien żgħir ħafna. F'is-Sirja, f'daũc iż-żmienijiet kodma, chienu jmorru ħafna neguzjanti naplitani biex jiccummerċjaũ. Daũnà, fl-1084, b'it-tixħim, kalgħu minn għand il Califf Fatimita Romensor Mustesaph li jistgħu jibnu cnisja mkaddsa lill Sidtna Marija u cunvent biex fih jilkgħu il pellegrini li chienu jmorru ktajja, ktajja biex ijżuru il Kabar ta' Cristu.

B'iż-żmien nibet sptar ucoll għal daũna il pellegrini u għalhecc il patrijiet Benedittini żammeũ f'idejhom il Cnisja u il Cunvent u telku l-Isptar f'idejn fratellanza ta' seculari b'rettur li chienu jaħtruh il patrijiet stess.

1. Meta Gerusalemm ũakgħet taħt idejn il Croċjati u is-Sultan Goffredu Buljon ra chemm chien ta' gid dana l-isptar, biex ijgħinu tah l-artijiet collha li chellu fi Franza. Ir-Rettur **Gerardu Tunc**, minn Provenza, laka din il għajnuna b'ferħ li ma bħalu. Il Papa Bascal Tnejn, b'Bolla ta'l 1113, ũakkaf dic il fratellanza f'Ordni Reliġjus u għaraf bħala l-eũũel Gran Mastru tiegħu l'it-tũajjeb kdejdes Gerardu.

2. Meta, fl-1120, miet Gerardu laħak ũarajh **Rajmondu du Puy**, m'id-Delfinat, b'il voti ta' sħabu stess chif xtak il Papa. Dana chien l-eũũel ũieħed li ħa it-titolu ta' Gran Mastru u li ũakkaf l-Ordni bħala xirka militari biex m'hux biss tiekaf m'al pellegrini morda iżda ucoll tħarishom m'il ħruxija ta't-Toroc. Dana beda jorbot il Cavalieri b'il ũiegħda ta'l castità, ta'l fakar u ta'l ubbidienza għal għomorhom u il Papa Callistu Tlieta, fl-1120, ũettak għamilu collu. Billi chiber il għadd ta'l Cavalieri actar milli chien jinħtieġ għal l-isptar Rajmondu ried jibda jieħodha ma'l Musulmani, għedeũũa ta's-Salib, u il Papa Innocenzu Tnejn, fl-1130, ũettaklu dina ix-xeũka tiegħu. L-Isptar, f'd'il ħabta, chien fih ma'l elfejn sodda għal morda; illum ma bakax minnu ħlief ħrieb imsejjaħ *Moristan.*

L-eũũel isem li ħa l-Ordni chien ta' **L-Aħũa Spedalieri ta' S. Ġũann Battista**, u chien imkassam fi tmien *Lingũi.* *

3. Du Puy miet fl-1160 u ũarajh laħak **Uġġieru de Balben**, franċiż, li chien kabeż għal Papa Xandru Tlieta contra l-Antipapa Vitor f'il Concilju ta' Nazaret.

4. Meta miet dana sar ũarajh **Arnaldu de Comps**, m'id-Delfinat, li ħachem biss għal żmien kasir; u ũara meũtu sar

5. **Gilbertu d'Assaly**, minn Tiru, li baka jsaltan fuk l-Ordni sa'l 1170 meta telak biex jistriħ f'in-Normandija; iżda, fl-1183, għerek x'ħin chien sejjer l-Inghilterra.

* Bosio—*Storia;* Vertot—*Histoire;* Helyot—*Histoire des Ordres Religieux et Militaires*; **Padre S. Paoli**—*Codice Diplomatico;* **Sanminiatelli—Zabarella**—*L-Assedio di Malta.*

(*Jissocta*).


# BRITANNIA
STABILIMENT Ġ'DID
**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgħa, &cc.**




INJAM
**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**
BRITANNIA

Min hu marid bl-Anemija (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu
**L' ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**



Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh fukhom stes. jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Drs Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.
Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib
**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

# GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seũda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaũũeġ f'il ħajja u tibchi jeũ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha
**NEVRASTENIJA**
u jecc tasseũ hemm medicina li tista tfejjakha jeũ li tagħmillec ħafna gid hi

# L=ANTINEVROTICU
TA'L
**Prof: DE GIOVANNI**
li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand
**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**
ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.
Ippruvauha! gid tista tagħmel biss.

Min jixtiek ijcollu xogħol ta' INCISJONI eżatt u bi irħis ijmur għand l-Argentier u Arluġġar TONI SCHEMBRI ta' Strada Santa Lucia, 139, il Belt u jara ċhif ijcun mokdi seŭŭa chif jixtiek.

Cull minn għandu **bolli użati** ta' Malta jeŭ imħalltin u jrid ijbiegħhom bi prezz tajjeb ijmur għand is-Sur Fred l-Isla Strada San Pietro e Paolo, numri 1 u 2.

Min ijcun ijrid jircanta xi ħag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħ-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgħ għandu jatic il flus, li jcunu daħlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur għand

Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll għal bejgħ cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irħas tasseu.

GĦA'S SAUM

TA' R-RANDAN

IL COCOA BENSDORP

hu garantit m'il Fabbrica assolutament pur m'il grass, li fih sustanza cbira, u li għalhecc hu actar irħis.

Jinbiegħ għand

L-Agenti f'Malta:-

C. Camilleri & Sons

50, 51, STRADA MERCANTI, IL BELT.

In-"Naħla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irħas ferm.